**Rapport tas-Suq Monetarju għall-ġimgħa li ntemmet fit-28 ta' Ġunju 2019**

## Operazzjonijiet Monetarji tal-BĊE

Fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ħabbar l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament (MRO) tiegħu ta' kull ġimgħa. L-irkant sar fil-25 ta' Ġunju 2019 u attira offerti ta' €6.43 biljun mill-kontropartijiet eliġibbli fiż-żona tal-euro, €0.21 biljun aktar mill-ammont tal-offerti tal-ġimgħa ta' qabel. L-offerti kienu kollha allokati b'rata fissa ekwivalenti għar-rata tal-MRO kurrenti ta' 0.00%, skont il-politika eżistenti tal-BĊE.

Fis-26 ta' Ġunju 2019, il-BĊE mexxa operazzjoni ta' rifinanzjament fuq żmien itwal b'perjodu ta' maturità ta' tliet xhur li titħallas bħala proċedura ta' offerta b'rata fissa b'allokazzjoni totali, u r-rata tkun stabbilita fuq ir-rata medja tal-MROs għall-perjodu tul l-operazzjoni. L-irkant attira offerti ta' €0.97 biljun mill-kontropartijiet eleġibbli fiż-żona tal-euro. L-ammont ingħata kollu, skont il-politika eżistenti tal-BĊE.

Barra minn hekk, fis-26 ta' Ġunju 2019, il-BĊE flimkien mal-Federal Reserve tal-Istati Uniti, mexxa operazzjoni ta' finanzjament fid-dollaru Amerikan fuq tmint ijiem permezz ta' self garantit. Din l-operazzjoni attirat offerti ta' $0.02 biljun li ġew allokati kollha b'rata fissa ta' 2.89%.

## Suq Domestiku tal-Bills tat-Teżor

Fis-suq domestiku primarju tal-bills tat-Teżor, it-Teżor għamel sejħa għall-offerti għal bills ta' 91 ġurnata għall-valur tal-pagament 27 ta' Ġunju 2019, li jimmaturaw fis-26 ta' Settembru 2019. Kien hemm offerti ta' €47 miljun għall-bills li minnhom it-Teżor aċċetta €25 miljun. Minħabba li €20 miljun f'bills immaturaw matul il-ġimgħa, il-bilanċ tal-bills tat-Teżor żdied b'€5 miljun għal €332.8 miljun.

Ir-rendita li rriżultat mill-irkant ta' bills ta' 91 ġurnata kienet ta' -0.361%, tnaqqis ta' 0.1 ta' punt bażi minn dik fuq bills b'perjodu ta' maturità simili li ħarġu fl-20 ta' Ġunju 2019 u li tirrappreżenta prezz ta' offerta ta' €100.0913 kull €100 nominali.

Matul din il-ġimgħa ma kienx hemm tranżazzjonijiet fil-Borża ta' Malta.

Din il-ġimgħa t-Teżor ser jagħmel sejħa għall-offerti għal bills ta' 91 ġurnata li jimmaturaw fit-3 ta' Ottubru 2019.